Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,461, 27 ta' Mejju, 1997
Taqsima B

A.L. 69 ta' l-1997

ATT DWAR L-IŻVILUPP INDUSTRIJALI (KAP. 325)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi għall-Esportazzjoni għal Kumpanniji Kwalifikanti

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 3 (1) (e) ta' l-Att dwar l-Iżvilupp Industrijali, il-Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u ta' l-Industrija għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi għall-Esportazzjoni għal Kumpanniji Kwalifikanti, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Servizzi għall-Esportazzjoni għal Kumpanniji Kwalifikanti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 38 ta' l-1994.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (i) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"(j) l-għoti minn stabbiliment f'Malta ta' servizzi ta' *accountancy*, kontroll, amministrazzjoni u *management* lil persuni mhux residenti f'Malta li jmexxu jew jeżerċitaw xi kummerċ jew negozju li jkun jikkonsisti fil-parti l-kbira fl-operazzjoni ta' lukanda jew grupp ta' lukandi li qegħdin barra minn Malta.".